**Id-Dipartiment tal-Kurrikulu qed jippubblika ktieb ġdid bl-isem**

# *Nassessja*
# *Lenti fuq il-Komponiment*

**It-tagħrif ta' hawn taħt huwa utli ħafna kemm għall-kapijiet ta' l-iskejjel kif ukoll għall-għalliema.**

## Għal min hu l-ktieb?

Għall-istudenti kollha tas-sitt u tas-seba'sena kif ukoll għall-għalliema tagħhom. Għandu jitqassam ukoll fost l-għalliema tal-ħames sena. (Dan il-ktieb għandu jinġabar fl-aħħar tas-sena biex jingħata lit-tfal tas-sena ta' wara)

## X'inhu l-għan tal-ktieb?

L-għan ewlieni huwa li jwassal lit-tfal jitħarrġu f'ħila meħtieġa ħafna għalihom. Din il-ħila twassalhom biex jibdew jassessjaw ix-xogħol tagħhom stess. Dan huwa ingredjent meħtieġ ħafna ta' dak li jissejjaħ 'assessjar formattiv'. F'dan il-ktieb l-awtur inqeda bil-komponiment biex jilħaq l-għan li kellu f'moħħu.

## X'fih il-ktieb?

Huwa mqassam fi tliet taqsimiet.

**<u>L-ewwel taqsima</u>** tiġbor fiha 14-il punt li huma meħtieġa biex wieħed jikteb komponiment tajjeb. Dawn il-punti jinkludu l-introduzzjoni, il-paragrafi differenti, il-konklużjoni, l-ideat, l-użu bil-għaqal ta' verbi, avverbji u aġġettivi, l-idjoma, il-punteġġjatura, l-ortografija u t-tħaddim ta' l-immaġinazzjoni. Din it-taqsima hija mżewqa b'siltiet minn xogħlijiet tat-tfal.

**<u>It-tieni taqsima</u>** tikkonsisti fi tliet komponimenti miktubin minn tfal tas-sitt sena tal-Primarja. L-istudenti huma mistiedna jassessjaw dan ix-xogħol skond il-kriterji ppreżentati fl-ewwel taqsima. Huma qed ikunu mħajra jassessjaw xogħol ta' ħaddieħor. Meta jassessjaw huma jkunu qed jagħmlu żewġ affarijiet (i) ifittxu punti ta' min ifaħħarhom (dawn huma s-suċċessi) u (ii) ifittxu dak li mhux tajjeb biżżejjed **u jippruvaw jirranġawh**. Dan huwa assessjar formattiv,

għax l-iskop tiegħu huwa li l-istudent jimxi pass ’il quddiem, anke jekk il-pass ikun wieħed ċkejken.

**It-tielet taqsima** hija l-iqsar waħda, imma hija kruċjali. L-istudenti huma mistiedna jagħżlu komponiment minn tagħhom stess u jassessjawh fuq il-ktiterji msemmija fl-ewwel taqsima. B’dawn l-istess kriterji huma kienu diġà assessjaw il-komponimenti tat-tieni taqsima. Iżda l-istorja ma tiqafx hawn. L-istudenti huma mitluba jagħmlu l-aħħar biċċa xogħol. Jagħżlu xi ħaġa mill-komponiment tagħhom li huma dgħajfa fiha, u jagħmlu sforz biex itejbuha. Dan l-isforz jissarraf fi progress, xi ħaġa li kulħadd jixtieq.

## Il-qoxra tal-ktieb

**Meta t-tfal jakkwistaw il-ħila li jassessjaw ix-xogħol tagħhom stess, huma jkunu kapaċi jgħinu lilhom infushom.**
**Wieħed jista’ jgħid li fl-istampa jidher l-edukatur jgħin lit-tifeljew lit-tifla. Din ħaġa tajba, u dak li wieħed jistenna. Hija l-prattika normali fil-klassi.**
**Imma hemm ħag’oħra li wieħed għandu jżomm f’moħħu. Iż-żewġ figuri ta’ fuq it-taraġ jistgħu jkunu l-istudent innifsu. Meta jsir il-progress, it-tifel u t-tifla jkunu telgħu tarġa oħra. Apparti affarijiet oħra, dan iħalli effett tajjeb fuq il-mod kif it-tfal iħarsu lejhom infushom. Minnu nnifsu dan ikompli jgħin biex isir it-tagħlim.**

## Kif għandu jintuża l-ktieb fil-klassi?

Mhux xi ktieb intenzjonat li jinqara minn qoxra sa qoxra bħallikieku kien xi storja. L-għalliema jridu jużawh skond il-ħiliet tat-tfal tal-klassi. Imma żgur li jistgħu jużawh **parti parti** biex it-tfal jitħarrġu fil-kitba tal-komponiment. L-għalliem jista’ jgħid lit-tfal: “illum ejjew niffukaw fuq l-introduzzjoni ta’ komponiment”. Dan ikun il-waqt adattat li l-għalliem u l-istudenti jaqraw is-siltiet differenti fil-ktieb li jmissu l-kitba ta’ l-‘introduzzjoni’. Imma l-għalliema jridu jiftakru fit-titlu tal-ktieb: ***Nassessja.*** L-għan ewlieni tal-ktieb huwa li jħarreġ l-istudenti fil-ħila ta’ l-assessjar. Għalhekk il-ktieb fil-klassi għandu jintuża għal dan l-iskop ukoll. It-tqassim tal-ktieb jgħin ħafna lill-għalliema f’din il-biċċa xogħol.